

Konvenut: Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal

Dispożittiv

L-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn qorti tal-ewwel istanza tkun ikkonstatat, wara li wettqet eżami sħiħ u ex nunc tal-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti ppreżentati mill-applikant għal protezzjoni internazzjonali, li, b'applikazzjoni tal-kriterji previsti mid-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, dan l-applikant għandu jingħata tali protezzjoni għar-raġuni li huwa jinvoka insostenn tal-applikazzjoni tiegħu, iżda l-korp amministrattiv jew kważi ġudizzjarju jadotta sussegwentement deċiżjoni fis-sens kuntrarju, mingħajr ma jistabbilixxi, għal dan il-għan, l-okkorrenza ta' elementi ġodda li jġġustifikaw evalwazzjoni ġdida tal-bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali tal-imsemmi applikant, l-imsemmi qorti għandha tirriforma din id-deċiżjoni mhux konformi mas-sentenza preċedenti tagħha u tissostitwixxi tali deċiżjoni b'dik tagħha stess fir-rigward tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, billi jekk ikun hemm bżonn ma tapplikax il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprekludiha milli tipproċedi f'dan is-sens.

(¹) ĠU C 5, 08.01.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Lulju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña — Spanja) — Prenatal S.A. vs Tribunal Económico Administrativo Regional de Cataluña (TEARC)

(Kawża C-589/17) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti ddikjarati b' mod ħażin bħala li joriġinaw mill-Ġamaġka — Irkupru a posteriori ta' dazji fuq l-importazzjoni — Talba għal maħfra tad-dazji — Regolament (KEE) Nru 2913/92 — Kodiċi Doganali tal-Komunità — Artikolu 220(2)(b) u Artikolu 239 — Deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni Ewropea f'każ partikolari — Validità)

(2019/C 319/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Cataluña

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Prenatal S.A.

Konvenut: Tribunal Económico Administrativo Regional de Cataluña (TEARC)

Dispożittiv

L-eżami tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni COM(2008) 6317 finali tat-3 ta' Novembru 2008 li stabbilixxiet li dħul a posteriori fil-kontijiet tad-dazji fuq l-importazzjoni huwa ġġustifikat u li l-maħfra ta' dawn id-dazji ma hijiex iġġustifikata f'każ partikolari (Fajl REM 03/07), fir-rigward tal-Artikolu 220(2)(b) u tal-Artikolu 239 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2000, ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità ta' din id-deċiżjoni.

(¹) ĠU C 22, 22.1.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-29 ta' Lulju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Székesfehérvári Törvényszék — l-Ungerija) — Hochtief Solutions AG Magyarországi Fióktelepe vs Fővárosi Törvényszék

(Kawża C-620/17) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kuntratti pubbliċi — Proċeduri ta' reviżjoni — Direttiva 89/665/KE — Direttiva 92/13/KEE — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza — Rikors għal reviżjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li jksru d-dritt tal-Unjoni — Responsabbiltà tal-Istati Membri f'każ ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-qradi nazzjonali — Evalwazzjoni tad-dannu li għandu jiġi kkompensat)

(2019/C 319/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Székesfehérvári Törvényszék

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hochtief Solutions AG Magyarországi Fióktelepe

Konvenuta: Fővárosi Törvényszék

Dispożittiv

- 1) Ir-responsabbiltà ta' Stat Membru għad-danni kkawżati b'deċiżjoni ta' qorti nazzjonali bħala l-aħħar istanza li tikser regola tad-dritt tal-Unjoni hija rregolata mill-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, fil-punt 51 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513), mingħajr ma jeskludi l-possibbiltà li dan l-Istat jista' jinżamm responsabbli taħt kundizzjonijiet inqas restrittivi fuq abbażi tad-dritt nazzjonali. Dik ir-responsabbiltà ma tkunx prekluziva mill-fatt li din id-deċiżjoni tkun kisbet l-awtorità ta' res judicata. Fl-implimentazzjoni ta' dik ir-responsabbiltà, hija l-qorti nazzjonali li quddiemha tressqet it-talba għad-danni sabiex tevalwa, filwaqt li tqis l-elementi kollha li jikkarakterizzaw is-sitwazzjoni inkwistjoni, jekk il-qorti nazzjonali tal-aħħar istanza tkunx wettqet ksur serju biżżejjed tad-dritt tal-Unjoni billi tkun kisret b'mod ċar id-dritt applikabbli tal-Unjoni, inkluż l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja. B'kuntrast, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi regola tad-dritt nazzjonali li, f'każ bħal dan, teskludi b'mod ġenerali danni li jistgħu jkunu s-suġġett ta' kumpens għall-ispejjeż imwettqa minn parti permezz tad-deċiżjoni kontra l-qorti nazzjonali.